

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 939/2004**tal-30 ta' April 2004****dwar l-offerti mressqa għall-kunsinni ta' ross tawwali B imfesdaq għad-destinazzjoni tal-Gżira ta' Réunion skond is-sejħa għall-offerti li tissemma fir-Regolament (KE) Nru 1895/2002**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 li jwassal għal organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur tar-ross⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2692/89 tas-6 ta' Settembru 1989 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-kunsinni ta' ross għad-destinazzjoni tal-Gżira ta' Réunion⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1895/2002⁽³⁾, infetħet sejħa għall-offerti għas-sussidju fuq il-kunsinni ta' ross għad-destinazzjoni tal-Gżira ta' Réunion.
- (2) Skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2692/89, fuq il-bażi ta' l-offerti mressqa, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 22 tar-Regola-

ment (KE) Nru 3072/95, tiddeċiedi li ma titkompliex is-sejħa għall-offerti.

- (3) Skond il-kriterji pprovduti fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2692/89, mhux indikat li ssir stipulazzjoni ta' sussidju massimu.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mhux se tittieħed azzjoni fuq l-offerti mressqa bejn is-26 u l-29 ta' April 2004 skond is-sejħa għall-offerti għas-sussidju fuq il-kunsinni ta' ross tawwali B imfesdaq li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 20 98 għad-destinazzjoni tal-Gżira ta' Réunion, imsem-mija fir-Regolament (KE) Nru 1895/2002.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-1 ta' Mejju 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-30 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18. Emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 411/2002 (ĠU L 62, tal-5.3.2002, p. 27).

⁽²⁾ ĠU L 261, tas-7.9.1989, p. 8. Emendat bir-Regolament (KE) Nru 1453/1999 (ĠU L 167, tat-2.7.1999, p. 19).

⁽³⁾ ĠU L 275 ta' l-25.10.2003, p. 23.